MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Talba Numru. 258/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Mobili Vergati Limited C26880**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' Lm644.74c (sitt mija w erbgha w erbghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) rapprezentanti servizzi telefonici bin-numri 21418347, 21418348 u 21415698.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u mghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------